**Mistoqsija għal tweġiba orali O-000131/2011**
**lill-Kummissjoni**
Artikolu 115 tar-Regoli ta’ Proċedura
**Elmar Brok, Michael Gahler, Krzysztof Lisek, Anna Ibrisagic, Ria Oomen-Ruijten, Ioannis Kasoulides, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra**
f'isem il-Grupp PPE

Suġġett: Is-sitwazzjoni fin-Nagorno-Karabakh

Fl-aħħar xhur konna xhieda ta' kunsinni ta' kwantitajiet kbar ta' armi mir-Russja lill-Armenja u lill-Azerbajġan. Dan jista' jipprovoka iktar tensjoni, speċjalment madwar ir-reġjun tan-Nagorno-Karabakh u fiż-żona kollha tan-Nofsinhar tal-Kawkasu.

Ir-Rappreżentant Għoli/Viċi President hija konxja minn dawn l-iżviluppi u qiegħda tissorvelja din is-sitwazzjoni? X'passi biħsiebha tieħu l-Unjoni Ewropea sabiex tipprevjeni eskalazzjoni potenzjali ta' dan il-kunflitt? L-UE ħabbret xi diżinċentivi vis-à-vis kull parti mdaħħla fil-kunflitt bi ksur tal-ftehim għall-waqfien mill-ġlied ta' Bishkek?

Imressqa: 25.5.2011
Mgħoddija: 26.5.2011
L-iskadenza għat-tweġiba: 16.6.2011